MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 901/1986/2

Hannibal Pace
vs
Dennis Degiorgio ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited u Carmel sive Charles Cristiano u b'nota tat-13 ta' Ottubru 1988 l-Avukat Dr. Dominic A. Cassar assuma l-atti limitatament ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited minflok Dennis Degiorgio

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:
Pererss illi fid-29 ta' April 1983 fl-atti tan-Nutar Gerald Spiteri Maempel gie ffirmat kuntratt mill-attur u z-zewg konvenuti Dok A, fejn jidher illi l-attur akkwista "over-draft facilities" minghand il-Bank of Valletta Limited bil-garanzija solidali tal-konvenut Carmel Cristiano flimkien ma' kundizzjonijiet ohra.

Peress illi fil-fatt kellu jkun il-konvenut Cristiano li suppost kellu jidher bhala l-“customer” ghaliex kien hu li kellu bzonn jiehu dawn il-facilitajiet sabiex ihallas l-impjegati tal-fabbrika tieghu, u mhux l-attur li m’ghandu l-ebda negozju u l-anqas qatt ma kellu, b’ hekk sar zball ta’ fatt fl-istess kuntratt li bih l-attur ma ndunax, ghaliex huwa qatt ma kellu jigi deskritt bhala l-“customer” ossia l-persuna li kienet ser tiehu l-facilitajiet mill-Bank.

Peress illi l-attur kien accetta fuq talba tal-konvenut Cristiano u bhala pjacir lill-istess konvenut, li joffri ruhu mal-Bank of Valletta Limited bhala garanti semplici sabiex l-istess Bank jakkorda lill-konvenut Cristiano l-“overdraft facilities” li huwa kellu bzonn.

Peress illi fil-fatt il-flus imsemmija fil-kuntratt esebit ittiehdu u gew utilizzati fl-interess tal-konvenut Cristiano li wkoll hallas lura parti minnhom billi ta istruzzjonijiet lill-kumpanija debitrici tieghu thallas direttament lill-Bank of Valletta Limited akkont tad-debiti li huma fil-fatt tieghu.

Peress illi giet prezentata kawza quddiem din il-Qorti mill-Bank of Valletta Limited kontra l-attur (Citazz. 158/86JH) sabiex huwa jhallas il-flus li Carmel Cristiano utilizza bhala konsegwenza tal-kuntratt anness mac-citazzjoni, liema kuntratt ghalhekk huwa zbaljat fil-konfront tal-attur minhabba zball ta’ fatt.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li fil-kuntratt prezentat mac-citazzjoni tad-29 ta’ April 1983 sar zball ta’ fatt billi l-attur gie deskritt bhala l-“customer” meta dan ma kellux ikun, u li minflok dan kellu jkun biss garanti semplici.

2. Konsegwentement tordna li l-istess kuntratt jigi korrett fi zmien li jigi prefiss minn din il-Qorti fis-sens illi l-attur ghandu jigi msemmi fl-istess kuntratt biss bhala garanti semplici waqt li l-konvenut Carmel Cristiano jigi msemmi fil-kuntratt kif korrett bhala d-debitur principali u dana minhabba l-izball ta’ fatt imsemmi kollox kif intqal fuq ghar-ragunijiet fuq premessi.

3. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att korrettorju opportun fid-data, hin u lok li jigu ffissati mill-Qorti.

4. Tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni tal-attur kontra l-istess konvenuti inkluza dik tad-danni.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li eccepixxa:

1. Illi c-citazzjoni attrici hi nulla minhabba karenza ta' interess da' parti ta' l-attur.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li sar l-izball imsemmi fil-premessi tal-istess citazzjoni.

3. Illi hu naqas li jaghmel kontro-talba appozita f'citazzjoni li ghamel kontrieh u ghalhekk issa m'ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut nomine.

Rat illi fir-rapport tal-Perit Legali jinghad li mill-ispoll li nghata lill-istess Perit Legali u mill-ispoll li jinsab a dispozizzjoni ta' din il-Qorti ma jidhirx li Carmel Cristiano pprezenta eccezzjonijiet tieghu. Inoltre l-konvenut, nonostante li gie debitament notifikat bis-seduta li nzammu mill-Perit Legali, naqas li jidher ghal dawn is-seduti u kien biss f' okkazjoni wahda li deher l-avukat difensur tieghu Dr. Ethelbert Fenech Adami.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li b' d-digriet tas-16 ta' Jannar 1998 Dr. Audrey Demicoli giet nominata bhala Perit Legali.

Gie prezentat affidavit ta' Hannibal Pace fejn semma li fl-1983 Charles Cristiano kien talbu jisilfu Lm3000 izda hu kien qallu li ma jistax ghax ma kellux minn fejn. Semma li ftit granet wara rega' mar ghandu u qallu li *c-Chairman* tal-Bank of Valletta, Dr. John Buttigieg ried ikellmu ghalkemm sostna li hu ma kienx jafu. Qal li baqa' jinsisti mieghu biex imur u hu accetta ghax xtaq jghinu ghax inkella kienu ser ifarrkulu l-fabbrika. Semma li Dr. Buttigieg kien qallu u assigurah li jekk ried jghin lil Cristiano, fi zmien tliet xhur sa sitta kollox kien ser jitranga. Qal li hu suppost kellu jidhol bhala garanti ghas-self li kien ser jiehu Cristiano ghax il-bank ried lil xi hadd li ma kellu x'jaqsam xejn.

Semma li peress li c-Chairman kien accertah li wara sitt xhur kollox ser ikun sewwa u qallu li dak kien l-uniku mezz kif seta' jghin lil Cristiano, hu kien dispost jidhol bhala garanti. Qal li meta marru l-Head Office sabu kuntratt iddraftjat bil-lest kemm jiffirmawh u kollox kien sar ta' malajr. Semma li hu ma kienx jaf ghal xiex kien diehel izda peress li kien gie accertat mic-Chairman in persona hu qabad u ffirma. Qal li huma kienu marru l-Branch tal-Gzira biex Cristiano seta' jiehu l-flus. Semma li darba kien ircieva ittra mill-bank u meta mar il-branch tal-Gzira qalilhom li hu ma kellux jaghtihom flus izda xorta baqghu jibghatulu l-istatements. Qal li kien mar ghand kuginuh il-Magistrat Carol Peralta, dak iz-zmien kien ghadu avukat u dan kien kiteb lil Cristiano biex ihallas lill-bank. Qal li sussegwentement kien hareg mandat ta' sekwestru kontra Cristiano u hu kien hallas Lm1,100 mill-ammont dovut lill-bank. Qal li mar ikellem lil Dr. Buttigieg personalment

izda ma kienx sodisfatt bir-risposta li tah u ghalhekk beda l-proceduri l-Qorti.

Rat il-konkluzjonijiet tal-Perit Legali (fol 69-71 tal-process) fejn qalet:

“Permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li sar zball ta’ fatt fil-kuntratt tad-29 ta’ April 1983 pubblikat min-Nutar Gerard Spiteri Maempel fejn jidher li huwa nghata *Overdraft Facility* mill-bank konvenut u li Carmel Cristiano kkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali ghal dan l-ammont li kien qed jigi misluf lill-attur. Dan ta’ l-ahhar isostni li sar zball ta’ fatt fis-sens li huwa gie erronjament indikat bhala l-*Customer,* u cioe` d-debitur principali, meta fil-fatt kien il-konvenut Carmel Cristiano li kien *il-Customer.* L-attur isostni li huwa kellu jigi ndikat bhala garanti semplici u mhux bhala *Customer.*

L-attur intavola din l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 974 u 976 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta liema Artikoli jipprovdu s-segwenti:

*Art. 974 “Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball jew mehud bi vjolenza, jew b’eghmil doluz, ma jkunx jiswa.”*

*Art. 976 “ (1) L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa’ fuq is-sustanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.*
*(2) il-ftehim ma jkunx null jekk l-izball jaqa’ biss fuq il-persuna li maghha jkun sar il-ftehim, hlief meta l-ghazla ta’ dik il-persuna tkun il-kawza ewlenija ta’ dak il-ftehim”.*

Illi jkun opportun li wiehed jara l-mod kif il-Qrati taghna interpretaw l-Artikoli tal-ligi appena citati. Tul is-snin gie ritenut is-segwenti:

***“Il-kunsens ma jiswiex jekk ikun gie moghti bi zball jew mehud bi vjolenza jew b’ghemil doluz. Jekk l-izball ikun ta’ fatt ma jgibx in-nullita` tal-ftehim hlief meta jaqa’ fuq is-sustanza nnifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim..” Vol. XXXIV, pt. II, p.690.***

***"L-izball biex ikun jiswa biex jinvalida konvenzjoni jrid ikun sostanzjali. Id-dottrina u l-gurisprudenza huma diskordanti dwar xi tfisser il-kelma 'sustanza' fil-materja; imma l-Qrati taghna segwew il-kriterju soggettiv, jigifieri illi wiehed ghandu jara kif gie kkunsidrat l-oggett tal-konvenzjoni mill-kontraent li jagixxi biex jinvalida l-ftehim. L-izball pero` jrid ikun ukoll skuzabbli u mhux zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli..." Vol. XXIV, pt. III, p. 753;***

***"Zball ta' fatt jipproduci n-nullita` tal-konvenzjoni meta jaqa' fuq is-sostanza tal-haga li tifforma s-suggett tal-konvenzjoni. Hija l-opinjoni preferibbli li l-kelma sostanza ghandha tittiehed bhala sinonimu ta' kwalita` sostanzjali u li din il-kwalita` tiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet", Vol. XXXII, pt. II, p. 157.***

***"L-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita` ta' ftehim meta l-inganni maghmula minn wahda mill-partijiet huma tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta. Ir-ricerka jekk l-ghemil doluz kienx determinanti hija wahda ta' fatt li ghandha tigi meqjusa flc-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz". Vol. XXXII, pt. II, p. 223*.**

L-attur ghalhekk kellu jipprova li kien jezisti zball ta' fatt u li l-allegat zball ta' fatt kien tali li jintitolah jirrecedi mill-kuntratt li kieku kien jaf bih u li tali zball kien invincibbli. Kif jirrizulta mill-espozizzjoni tal-provi li saret aktar 'il fuq, il-provi prodotti mill-attur huma skarsi, jekk mhux negligibbli. L-unika prova li ressaq l-attur kienet ix-xhieda tieghu. Huwa ma ssostanzjax din ix-xhieda la bi provi ohra dokumentarji u l-anqas permezz ta' xhieda ohrajn bhal per ezempju l-konvenut Cristiano, Dr. John Buttigieg, in-Nutar li ppubblika l-kuntratt eccetera. Fil-fehma tal-esponenti huwa bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li kien jezisti zball ta' fatt fil-mument li huwa ta l-kunsens tieghu. Kif intqal aktar 'il fuq gie stabbilit mill-Qrati taghna li l-izball irid ikun skuzabbli u li m'huwiex zball skuzabbli jekk wiehed jaqa' fih meta l-fatti

li ghalihom jaghmel referenza kienu facilment accertabbli. L-esponenti jidhrilha li l-allegat zball, u cioe` l-fatt li l-attur kellu jigi indikat bhala l-garanti u mhux bhala *l-Customer* fil-kuntratt tad-29 ta' April 1983, kien facilment accertabbli mill-attur fis-sens li waqt li kien qed jinqara l-kuntratt in kwistjoni l-attur seta' facilment jinduna li fil-kuntratt huwa kien qed jigi indikat bhala *Customer* u mhux bhala garanti. Huwa bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li kien hemm xi ingann f'dan is-sens bhal per ezempju li waqt li kien qed jinqara l-kuntratt kienu qed jirreferu ghalih bhala garanti filwaqt li fuq il-kuntratt kien hemm imnizzel li kien *il-Customer.*

Jekk verament l-attur ma kienx qed jifhem kull ma kien qed jinqara huwa kien tenut li jitlob kjarifika dak il-hin u mhux jaqbad u jiffirma kif isostni li ghamel u mbaghad wara jippretendi li l-kuntratt jigi annullat ghaliex huwa ta l-kunsens tieghu minghajr ma ssalvagwardja l-interessi tieghu ghaliex qabad u ffirma ghal xi haga li ma kienx qed jifhem x'timplika jew xi tfisser.

Ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jidhrilha li l-attur ma rnexxielux jipprova t-talbiet tieghu, u cioe` li l-kunsens tieghu ghall-kuntratt tad-29 ta' April 1983 kien vizzjat bi zball ta' fatt, u li ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda."

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali izda tixtieq izzid dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Mario Schembri vs Victor Cilia** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili Imh G Valenzia fis-26 ta' Novembru, 1999 [LXXXIII-II-II-284] li meta jigi mpunjat att pubbliku, minhabba l-akbar fidi li timponi fih il-ligi, id-deduzzjonijiet kontra dak l-att ghandhom ikunu specifici u cirkostanzjali u l-prezunzjonijiet gravi, precizi u konkludenti. Ara wkoll Volum XXVII-II-551 u Volum XXXVII-II-797. Kif jghid il-Butera hemm bzonn li jigu salvagwardjati "la sicurezza e la stabilita` delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito li fede e la realta` dell' altro contraente."

Anqas ma gie addebitat li l-kunsens gie mehud bi vjolenza li tahkem fuq persuna ragjonevoli u ggieghla tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b' xejn f' periklu ta' hsara kbira (ara artikoli 978 u 974 tal-Kodici Civili).

Ukoll din il-Qorti thoss li certament jinkombi li l-attur biex jasal ghall-provi tieghu kellu l-obbligu li jipproduci lil kull min deher fuq il-kuntratt u senjatament lin-Nutar, haga li ma ghamilx.  Ghal dawn il-motivi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Bank li mhux minnu li sar zball kif imsemmi fil-premessi tac-citazzjoni.  Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tielet eccezzjoni.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------